TARXIEN

# KUNSILL LOKALI TARXIEN

## Minuti Laqgħa Nru. 10/06

* Il- laqgħa Nru 10/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar l-Erbgħa 27 ta' Jannar 2010 fis-6.00pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien. — Data u hin

** Preżenti għal-Laqgħa:

| | |
|---|---|
| Kav. P. Farrugia | Sindku |
| Is-Sur F. Agius | Viċi Sindku |
| Is-Sur L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsilliera |
| Is-Sur K. Darmanin | Kunsillier |
| Dr. O. Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur I. Dalli | Kunsillier |
| Is-Sur M. L. Mallia | Segr. Eżekuttiv |

*** Is-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.

## 1.0 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 09/06 tas-16/12/09 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kunsill jekk kienux korretti.

**1.2** Il-Kunsill approva l-Minuti nem. con. li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## *2.0 Komunikazzjoni mis-Sindku*

**2.1** Dwar il-kuntratt tar-*resurfacing* is-Sindku qal li fl-aħħar il-Perit ta' Polidano Group ġie llum biex naraw fejn kellu jitkompla x-xogħol ta' *Major Patching* u t-*Traffic Calmers* tat-tarmak. Resurfacing

2.1.1 Kompla jgħid li ġejna nfurmati minn Polidano Group li l-valur tal-qatran għola d-doppju. Ser jibgħatilna stima ġdida tal-varjazzjoni.

**2.2** Is-Sindku qal li l-iskema tal-PPP għadha ma ħarġetx. Meta toħroġ ser naħdmu l-kalkoli tagħna fuq ir-rati l-ġodda. Skema PPP

**2.3** Dwar il-ħsara ta' Triq Paola li ġiet irranġata l-ħsara fit-tarmak permezz ta' konkos, is-Sindku qal li l-ADT ma weġbux għall-ilment tagħna. Triq Paola

**2.4** Weġibna lid-Dipartiment Gvern Lokali dwar f'liema stadju wasalna fil-proġett tal-*Photovoltaic System* fil-*ground*, kif ukoll esprimejna l-interess tagħna biex napplikaw għal skema simili fuq il-latrini pubbliċi. Photovoltaic

**2.5** Dwar il-każ ta' ftuħ tal-Uffiċini nhar ta' Sibt, is-Sindku qal li d-Dipartiment waħħalna multa ta' 1% mill-ewwel allokazzjoni ta' tlett xhur li tammonta għal €1098. Ftuħ ta' l-Uffiċini

2.5.1 Kompla jgħid li ktibna lid-DGL u l-AKL li għad darba li ma ftaħniex weħilna din il-multa meta l-Liġi kienet għad ma ġietx fis-seħħ. S'issa għad ma għandna l-ebda tweġiba.

2.5.2 Is-Sindku irrefera għall-każ meta ġie jitkellem magħna rappreżentant tal-UHM fejn kien wiegħed li dakinhar stess kien ser ikollu laqgħa mal-Onor. Dr. Chris Said u kien ser jitolbu biex ma jwaħħalniex multa ladarba konna ser nilħqu ftehim biex l-iskrivani jiftħu nhar ta' Sibt.

2.5.3 Is-Sindku rrimarka li d-DGL qed jimxi b'żewġ miżuri. Qed jgħid dan minħabba li meta l-Liġi ma kienetx għadha ġiet fis-seħħ (1 ta' Novembru 2009) id-DGL ħareġ direttiva biex il-Kunsilli jibdew jiftħu nhar ta' Sibt mis-17 t'Ottubru; filwaqt li għalkemm li mill-1 ta' Novembru il-Liġi titlob li s-Sindku u l-Kunsillieri għandhom jingħataw l-Onorarju u l-*allowance* rispettivament, (A.L. 278/09), id-DGL ħareġ Memo 03/2010 li dan il-ħlas għandu jsir b'effett mill-1 ta' Jannar 2010.

2.5.4 Is-Sindku qal li għalkemm ktibna lid-Dipartiment u lill-AKL dwar dawn l-anomaliji, id-DGL wieġeb biex nirreferu għall-Memo 03/2010 filwaqt li l-AKL ma weġbux.

**2.6** Is-Sindku irrefera għal diversi Memos li qed nirċievu mingħand id-DGL. Dwar applikazzjonijiet għal Fondi tal-UE li qed jitolbu li jsiru fi żmien qasir u mhux raġonevoli. Kompla jgħid li kieku kellna nimxu skont ir-regolamenti, kien isejjaħ laqgħa kuljum tal-Kunsill biex jiġu approvati l-applikazzjonijiet. Applikazzjonijiet għal fondi

2.6.1 Madanakollu, żied jgħid, aħna qed nieħdu l-inkarigu li napplikaw inkella nispiċċaw nitilfu l-possibilta' li nakkwistaw minn dawn il-fondi. Bħal dejjem ser ikompli jżomm lill-Kunsill infurmat b'kulma nagħmlu.

2.6.2 Il-Kunsill approva nem. con. din l-inizjattiva.

**2.7** Is-Sindku qal li x-xogħol fil-latrina pubblika dalwaqt jitlesta. Minħabba l-ħsara li kien hemm fuq il-bejt il-Kunsill qabel li jagħmel il-*membrane* bi spiża ta' €510. Latrina Pubblika

**2.8** Dwar il-ġbir ta' skart, is-Sindku qal li qed ikollna problemi minħabba nuqqas ta' koperazzjoni minn xi residenti li mhux jimxu fuq l-istruzzjonijiet li tajna dwar il-ħruġ ta' skart fil-granet indikati. Gbir ta' Skart

2.8.1 Qal li ordnajna żewġ Gwardjani Lokali pajżana biex jissorveljaw il-ħruġ ta' skart bejn is-6.00 u d-9.00am u jwissu lil min jikser il-Liġi. Wara ser jibdew joħorġu t-taħrikiet.

**2.9** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-każ ta' Mario Borġ, kuntrattur li tefa' l-offerta għal Ġbir ta' Skart u li għadda rimarki diplorevoli fuq il-Kunsill, instema' fl-Qorti llum. Każ fil-Qorti

2.9.1 Kompla jgħid li l-Avukat difensur talab skuża lill-Kunsill quddiem il-Maġistrat. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija u l-Avukat tal-Kunsill talab biex diskors bħal dan ma jsirx fil-konfront tal-Kunsill.

**2.10** F'dan il-waqt is-Sindku irrefera wkoll għall-każ ta' aggressjoni fiżika fuq is-Segr. Eżekuttiv u theddid lis-Sinj. A. Galea flimkien ma' tgħajjir u kliem dispreġġjattiv ieħor lis-Segr. Eżekuttiv minn ċertu George Bartolo nhar it-28 ta' Diċembru 2009 f'dawn l-Uffiċini. Każ ta' aggressjoni

2.10.1 Dan il-każ instema' wkoll fil-Qorti llum quddiem il-Maġistrat. L-imputat weħel amenda ta' €70 u ordni biex ma jħarisx lejn is-Segr. Eżekuttiv u lejn is-Sinj. A. Galea Uffiċjal tal-Kusill.

**2.11** Is-Sindku qal li ffirmajna l-kuntratt ma' *GreenPak* biex jipprovdu servizz ta' *Bins on Wheels* għas-separazzjoni ta' l-iskart domestiku kif ukoll kampanja ta' edukazzjoni lill-pubbliku dwar din il-materja u inizjattivi oħra. GreenPak

2.11.1 Qal ukoll li għad irridu nerġgħu niltaqgħu biex naraw x'nistgħu nakkwistaw mingħand GreenPak għall-Pubbliku bħal boroż biex jitqassmu f'kull dar u materjal ieħor f'dan ir-rigward.

2.11.2 Is-Sindku qal li poġġejna settijiet ta' bins fi Triq Palma, Sardinja, Kurunel Mas, Ħaġar u Dun Karm Sant. Kien hemm diversi opinjonijiet mingħand ir-residenti.

2.11.3 Qal ukoll li waqqafna is-servizz ta' *Bring-In-Sites* tal-*WasteServ* mill-1 ta' Jannar 2010.

**2.12** Is-Sindku qal li l-kuntrattur tal-Ġbir ta' Skart Organiku, Salvu Mifsud, qed jiltaqa' ma' problemi minħabba l-iskart ta' tal-ħwienet kummerċjali li qed joħorġuh u jippretendu li jiġbru hu, jew ipoġġuh fil-kantunieri. Skond is-servizz li qed jingħata bit-tender il-ġdida, mhux suppost li jinġabar skart ta' dan it-tip bil-konsegwenza li qed joħolqilna problemi kbar mal-kuntrattur kif ukoll li qed ikollna postijiet fejn l-iskart ma jinġabarx. Gbir ta' Skart Organiku

2.12.1 Kompla jgħid li l-Kuntrattur qed jitlob żieda ta' madwar €13.000 fis-sena biex jgħati servizz li mhux kopert bil-kuntratt ta' ġbir ta' skart domestiku.

2.12.2 Dan il-każ ġie riferut lid-DGL u lill-AKL għad-direzzjoni ta' gwida mingħandhom.

2.12.2.1 Id-DGL baqa' ma weġibx, filwaqt li l-AKL wieġbet li qed jaħdmu fuq problemi simili mal-Kunsilli kollha, u jisperaw li dalwaqt jibgħatu linja gwida kif nipproċedu.

**2.13** Is-Sindku qal li l-Festival Internazzjonali tal-Folk f'Malta kien suċċess. Qal ukoll li l-kumpanija *M & E Management Group* bagħtet kont ta' €2360. Fakkar li l-Kunsill kien approva li jżid €1000 mal-€1000 li ser nieħdu minn fondi. Madanakollu irridu wkoll inħallsu spejjeż oħra għall-palk (€460); siġġijiet (€90); PA u dwal (€360); drinks (€90); mementos (€120) u ikel (?). Festival Int.ernazzjonali tal-Folk

2.13.1 Is-Sindku qal li ser jitkellem mas-sieħba tal-konsorzju: Kunsill tal-Kalkara u ta' Ħaż-Żebbuġ minħabba dawn l-ispejjeż.

**2.14** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie aċċettat mid-DGL li l-Kumitat Reġjonali jibda jopera minn Ħal Tarxien (miċ-Ċentru Komunitarju). Kumitat Reġjonali

**2.15** Dwar il-proġetti minn fondi tal-UE, is-Sindku qal li ssottomettejna applikazzjoni (għat-tieni darba) għall-*iskema "Better Physical Accessibility in Localities"* fejn inkludejna ix-xogħol fuq il-latrina pubblika u l-entratura. Proġetti tal-UE

**2.16** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ħriġna avviż għal "Espressjoni ta' Nteress" għal "Tisbiħ tal-Pjazzetta quddiem iċ-ċimiterju fi Triq Santa Tereża"; u "Tisbiħ tal-Ġnien fi Triq Santa Marija ħdejn il-*Playing Field*". Din is-sejħa marbuta ma' skema ta' fondi speċjali. Espressjoni ta' nteress

2.16.1 Ħriġna wkoll avviż għal kwotazzjonijiet ta' *"Rubber Speed Moderaters", Rubber Elevated Roundabouts "* u *"Aluminium Doors"* għal-latrina. Kwotazzjonijiet

**2.17** Is-Sindku qal li l-offerti għal "Tisbiħ ta' Sqaqien u Spazji Miftuħa" ser jagħlqu fit-8 ta' Frar f'nofsinhar. Il-Kumitat *Ad Hoc* ser ikun magħmul mis-Sindku, s-Segr. Eżekuttiv, u l-Kunsillier F. Agius. Offerti

**2.18** Indirizz elettroniku "gov.mt" issa kulħadd għandu rreġistrat. Is-Sindku talab li kull membru fil-Kunsill Lokali kif ukoll l-impjegati għandhom ikollhom l-indirizz ta' kullħadd. 'Gov.mt'

**2.19** Is-Sindku qal li ġibna 5 pc's rikondizzjonati mingħand il-*Malta Communication Authority*, wara li applikajna għalihom. 5 pc's

**2.20** Il-Kunsill qabel unanimament biex is-Sindku jiffirma l-formola *"Covenant of Mayors"* sabiex isir studju dwar enerġija sostenibbli. Patt tas-Sindki

**2.21** Dwar il-mandat ta' sekwestru ta' €4950.74 mill-Avukat Ivan Sammut, is-Sindku qal li l-Kumitat Konġunt LES għamel kontro-mandat u l-flus għandhom jiġu ritornati fi żmien xahar, skont Dr. Montanaro. Sekwestru

**2.22** Dwar il-każ ta' bini ta' stands u garaxxijiet minn Tarxien Rainbows fi Triq il-Ħaġar, is-Sindku qal li ltqajna mal-konsulent tas-Sur T. Cassar, is-Sur Alphons Saliba u nfurmah li r-residenti qed joġġezzjonaw li l-*istand* ma ssirx. Stand tar-Rainbows

2.22.1 Kompla jgħid li s-Sur Saliba infurmana li r-residenti aċċettaw li jinbnew il-garaxxijiet wara ittra relatata li ntbagħtet lir-residenti minn Tarxien Rainbows.

2.22.2 Is-Sindku qal ukoll li għandna l-impressjoni li l-istand mhix ser issir.

**2.23** Dwar il-proġett ta' Kalamija, is-Sindku qal li għada kellna nitilgħu l-MEPA biex niffirmaw il-kuntratt biex nieħdu UIF għat-tieni fażi tal-proġett. Din il-laqgħa ġiet mħassra u posposta. UIF għal Proġett ta' Kalamija

**2.24** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Desmond Mizzi qed jgħid li meta kien ikkwota €233,000 (Lm100,000) għall-proġett ta' Kalamija ma kienx inkluda l-VAT fl-ammont. Madanakollu ċ-ċertifikat tax-xogħol tal-Perit kien għall-valur totali ta' €233,000. Valur tal-Proġett Kalamija

2.24.1 Il-Kunsill qabel unanimament li meta aġġudikajna xi offerta din dejjem kienet bil-VAT inkluż.

**2.25** Is-Sindku qal li rċieva rikonoxximent mingħand TCTC għall-iktar Sindku li kkopera matul is-sena li għaddiet. TCTC

**2.26** Għall-lezzjonijiet ta' EBIZ, il-Kunsill qabel nem.con. li, bħala ftehim, il-Kunsill iħallas għal 4 mwejjed għall-*computers* li jiswew €200 l-waħda u €50 għat-trasport. EBIZ

**2.27** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-recorder tas-sistema CCTV reġgħet tħassret. Strand electronics li kienu oriġinarjament installaw is-sistema, offrew li jibdlu l-camera u r-recorder għal dawk diġitali u jħallu l-cables eżistenti, l-ispiża hi ta' €920. Il-Kunsill qabel nem. con. li nibdlu s-sistema malajr minħabba li l-Kunsill mhux kopert b'sorveljanza ta' CCTV. CCTV tal-Uffiċini

**2.28** Is-Sindku qara ittra bl-isem "ADT u Ħal Tarxien" miktuba minn Dennis u Elaine Buttiġieġ prinċipalment dwar il-*Bus Shelter* li jinsab fi Triq Palma k/m Triq Sqajjaq u l-inkonvenjenzi li allegatament qed jinħolqu. Il-Kunsill Lokali qabel li tiġi mwieġba din l-ittra.

2.28.1 Il-Kunsill qabel unanimament li f'din l-ittra ġew insinwati ħafna ineżattezzi. ADT u Ħal Tarxien

2.28.2 Is-Sindku kompla jgħid li dan il-*bus shelter* ilu snin imwaqqaf, sakemm xi ħadd ġarrfu, u minn dejjem kien hemm bżonnu.

## 3.0 Affarijiet Finanzjarji

**3.1** Il-Kunsill approva nem. con. l-iskeda ta' pagamenti dovuti għall-servizzi u materjal li tammonta għall-€32,358.29 li ġiet iffirmata mis-Sindku (App. '1').

**3.2** Il-Kunsill approva nem. con. rifużjoni ta' ħlas minħabba l-użu tal-karozza tiegħu fuq xogħol tal-Kunsill lis-

Segr. Eżek. € 63.20

## 4.0 Performance Bonus għas-Sena 2009

**Segretarju Eżekuttiv**

4.1.A Il-Kunsill approva unanimament li s-Segr. Eżekuttiv jingħata *Performance Bonus* ta' 10% tas-salarju eżistenti tiegħu prorata ta' 10 xhur minn April 2009 sa Jannar 2010.

4.1.B **Uffiċjali Eżekuttivi**

Is-Sindku qara il-livelli li jirriflettu b'mod ġenerali l-*performance* taż-żewġ Uffiċjali Eżekuttivi meta mqabbla ma' dak li hu mistenni minnhom.

4.2.1 Kien hemm qbil ġenerali li ż-żewġ Uffiċjali kellhom jikkoperaw iżjed fil-każ tal-ftuħ tal-Uffiċini nhar ta' Sibt. Is-Sindku fakkar kemm il-Kunsill għadda minn problemi sakemm wasalna fi ftehim finali u sadanittant il-Kunsill weħel multa ta' 1% tal-allokazzjoni ta' tlett xhur.

4.2.2 Il-Kunsill qabel unanimament li ż-żewġ impjegati laħqu livell rakkomandabbli tax-xogħol tagħhom u għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li jagħti 5% liż-żewġ Uffiċjali rispettivament tas-salarji eżistenti tagħhom prorata ta' għaxar xhur minn April 2009 sa Jannar 2010.

4.2.3 Finalment il-Kunsill jixtieq iwassal messaġġ liż-żewġ Uffiċjali biex jikkoperaw mal-Kunsill biex jissolvew malajr kemm jista' jkun problemi li jistgħu jinħolqu.

## 5.0 Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri

**5.1** **Rapport mill-Viċi Sindku Frans Agius**

5.1.1 Il-Viċi Sindku qal li l-familja Battistino tixtieq tgħin fl-istampar mill-ġdid tal-ktieb "Ħal Tarxien" miktub mis-Sur V. Battistino imma m'għandiex l-informazzjoni li qed jitlob l-Kunsill.

5.1.2 Is-Sindku fakkar li jekk naslu biex nerġgħu nistampaw il-ktieb irridu nagħmlu l-korrezzjoni.

5.1.3 Is-Sur Jos. Debono ġie approvat unanimament fis-Sotto Kumitat Wirt-Storiku u Beni Kulturali.

5.1.4 Is-Sur F. Agius qal li ser jieħu ħsieb dwar l-iskemi tar-restawr (Memo 21/2010).

**5.2** **Rapport mill-Kunsillier Dr. O. Caruana**

5.2.1 Mill-laqgħa mal-Ispettur, Dr. O. Caruana qal li ma kienx hemm rapporti ta' frodi.

5.2.2 Fil-laqgħa għar-residenti tat-22 ta' Jannar attendew 4 residenti.

5.2.3 Matul il-laqgħa tas-Sotto Kumitat tal-14 ta' Jannar tkellmu dwar serq f'ċertu toroq u għadda l-informazzjoni lill-Isp. Mercieca.

**5.3 <u>Rapport mill-Kunsillier L. Bonavia</u>**

5.3.1 Is-Sur L. Bonavia qal li kellu laqgħa mal-Kapijiet tad-Dentistrija u qed jippjanaw li joħorġu kampanja edukattiva.

5.3.2 Ser ikompli jinsisti li jġib il-lista tal-postijiet kummerċjali ta' Ħal Tarxien. Qal li lill-Kunsill Lokali Żejtun ġie provdut bil-lista.

**5.4 <u>Rapport mill-Kunsillier K. Darmanin</u>**

5.4.1 Il-Kunsill approva lil Ariel Vella bħala membru fis-Sotto Kumitat Żgħażagħ u Sport.

5.4.2 Fit-8 ta' Frar ser issir il-laqgħa tal-Bord tal-Għażla għall-Premju Żagħżugħ Tarxiniż li għalih ġew nominati 3 persuni.

**5.5 <u>Rapport mill-Kunsillier I. Dalli</u>**

5.5.1 Is-Sur I. Dalli qal li qed jistenna rispons dwar is-servizz tal-karozzi tal-linja fuq rotot ġodda.

5.5.2 Qal li ser jiddiskuti mal-Profs. Axiaq dwar kif għandna ninċentivaw lill-pubbliku dwar ir-rimi tal-iskart bħala kampanja edukattiva.

5.5.2.1 Is-Sindku fakkar li għandna l-GreenPak biex jgħinu f'din il-kampanja.

**5.6 <u>Rapport mill-Kunsilliera D. Vella</u>**

5.6.1 Is-Sinj. D. Vella tat rendikont tal-ikla fir-restaurant San Antonio.

5.6.2 Qalet li ser tagħmel attivita' fil-11 ta' Frar u Seminar għall-aħħar ta' Frar kif ukoll *weekend break*.

**5.7 <u>Rapport mis-Sindku Kav. P. Farrugia</u>**

5.7.1 Is-Sindku ta rendikont tal-attivita' Premju Anzjan Tarxiniż kif ukoll tal-ħarġa fil-Buskett Roadhouse.

5.7.2 Hu kompla jgħid li f'dawn il-ġranet imsemmija hawn taħt ser jagħmel attivitajiet għall-anzjani.

a. Fid-19 ta' Frar Coffee Morning (Rainbows)

b. Fit-2 ta' Marzu Coffee Morning

c. Fis-6 t' April Breakfast (Coastline)

d. Fit-18 ta' Mejju Ikla (Palm Valley)

e. Fil-15 ta' Ġunju Coffee Morning (Paradise Bay)

## 6.0 Ħwejjeġ Oħra

**6.1** Is-Sindku qal li ser jattendi l-ewwel meeting fi Brussels bħala Presidenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.

**6.2** Is-Sinj. D. Vella qalet biex tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lill-ħanut partikulari li qed jagħtiha donazzjoni ta' ħwejjeġ biex tqassamhom lil familji fi bżonn. Ser tagħti d-dettalji lis-Segretarju Eżekuttiv.

**6.3** Is-Segretarju iċċirkola l-Agenda tal-Laqgħa Straordinarja li ser issir nhar it-Tnejn 8 ta' Frar flimkien ma' kopja tal-estimi finanzjarji u kopja tal-*Budget* 2010.

## 7.0 Għeluq tal-Laqgħa

**7.1** Il-Laqgħa ntemmet fit-8.00pm.

**7.2** Laqgħa oħra ser tkun fl-24/02/10.

| | |
|---|---|
| **M. L. Mallia** | **Kav. P. Farrugia** |
| **Seg. Eżek.** | **Sindku** |
| 24.02.10 | |